# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Ottubru, 2022.**

**Numru 46**

**Rikors numru 31/2014/1 MV**

**Tabib Dottor Joseph Galea u martu Jacqueline Galea għal kull interess li jista' jkollha**

**v.**

**Raymond Attard**

1. L-atturi ppremettew li t-Tabib Dottor Joseph Galea sofra debilita` permanenti b'konsegwenza ta' inċident stradali li seħħ fit-28 ta' Novembru 2012 għall-ħabta tas-sitta u kwart ta' filgħodu (6.15am) li fih kien involut hu, li kien qiegħed isuq mutur, u l-konvenut li kien qiegħed isuq vettura tat-tip Toyota Hilux. L-atturi jgħidu li dan l-inċident seħħ unikament tort tal-konvenut u li għalhekk il-konvenut għandu jħallas kumpens għad-danni sofferti mill-atturi.

2. F’dawn il-proċeduri huma għalhekk ressqu din it-talba:

> “Għid għalhekk inti konvenut għaliex ma għandhiex din il-Qorti:
> 1. Tiddikjara li inti Raymond Attard unikament responsabbli għall-inċident li seħħ fit-tmienja u għoxrin (28) ta’ Novembru elfejn u tnax (2012) meta, għall-ħabta tas-sitta u kwart ta’ filgħodu (6.15am) waqt li kien għaddej matul Triq it-Repubblika, Victoria, Għawdex, bil-mutur tiegħu Honda 250cc, numru tar-reġistrazzjoni FAB742, l-attur Dr. Joseph Galea ġie investit minn vettura Toyota Hilus numru tar-reġistrazzjoni STO 019 misjuqa minnek;
> 2. Tiddikjara għalhekk li inti responsabbli sabiex tirriżarċixxi lill-atturi għad-dannu kollu li huma sofrew per konsegwenza tal-imsemmi inċident;
> 3. Tillikwida dawn id-danni billi tiddikjara li jikkonsistu f’dawk id-danni emerġenti u lukri ċessanti li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;
> 4. Tikkundannak tħallas lill-attur dawn id-danni kif hekk likwidati.
> Bl-ispejjeż, inklużi tal-ittra uffiċjali ta’ Lulju 2013; u tal-ittra uffiċjali ppreżentata kontestwalment kontra l-kumpannija assigurattiċi tal-intimati, u bl-inġunzjoni għas subizzjoni.”

3. Il-konvenut aċċetta r-responsabbilta` tal-inċident in kwistjoni, iżda eċċepixxa li d-danni għandhom jiġu pruvati mill-atturi u li m’għandux ikun hemm imgħax fuq l-ammonti likwidati oltre li l-atturi għandhom jiġu kkundannati jħallsu l-ispejjeż ta’ dawn il-proċeduri għaliex huma l-konsegwenza tad-danni esaġerati pretiżi mill-atturi.

4. Fid-29 ta’ Ottubru 2020 l-atturi ppreżentaw rikors quddiem l-Ewwel Qorti permezz ta’ liema talbuha sabiex tordna s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza, tordna l-ftuħ mill-ġdid tal-provi limitatament sabiex jiġi stabbilit il-grad ta’ debilita` permanenti sofferta mill-attur u taħtar perit mediku, jew tlett periti mediċi sabiex jeżaminaw lill-attur u jevalwaw il-grad ta’ debilita` permanenti sofferta minnu, li m’għandhomx

ikunu esperti li kienu diġa` nvoluti f'dan il-każ. Din it-talba saret wara li l-atturi allegaw li l-attur kien żviluppa l-kondizzjoni ta' *osteomyelitis* li skont hu ser tkompli tħalli effetti gravi fuq saħħtu.

5. Il-konvenut ippreżenta r-risposta tiegħu fl-10 ta' Novembru 2020 permezz ta' liema oġġezzjona għal din it-talba tal-atturi.

6. Il-partijiet, tramite l-avukati difensuri tagħhom, trattaw ir-rikors imsemmi quddiem l-Ewwel Qorti fil-25 ta' Frar 2021.

7. Bid-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħti waqt is-seduta tal-25 ta' Frar 2021 ġie deċiż hekk:

> "Illi din il-kawża waslet fl-istadju tal-konklużjoni tagħha, hekk kif iż-żewġ partijiet diġa preżentaw in-nota ta' sottomissjonijiet finali tagħhom u l-kawża kienet tħalliet għas-sentenza għat-02 ta' Diċembru 2020, fis-seduta tas-17 ta' Lulju, 2020.
>
> Illi minħabba dan ir-rikors, ġiet sospiża l-prolazzjoni tas-sentenza.
>
> Illi l-kawża tittratta dwar inċident tat-traffiku li seħħ fit-28 ta' Novembru 2012 u ċioe aktar minn tmien snin ilu.
>
> Illi fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, fejn fadal biss il-prolazzjoni tas-sentenza, ikun inġust li jerġgħu jinfetħu l-provi sabiex ir-rikorrent iressaq pova ġdida li seta' faċilment ressaq fl-istadju tal-provi tiegħu li kien għadu miftuħ sa Mejju 2018 u ċioe sitt snin wara li seħħ l-inċident, jew għal-lanqas jekk tassew seħħew tali ċirkostanzi ġodda seta' ressaq it-talba tiegħu fl-istadju li l-provi tal-partijiet kienu għadhom mhux magħluqa, jew għall-anqas meta n-noti ta' sottomissjonijiet kien għadhom mhux preżentati.
>
> Huwa tassew inverosimili li dawn l-allegati ċirkostanzi ġodda seħħew wara li l-kawża tpoġġiet għas-sentenza f'Lulju 2020.

> Dan qed jingħad stante illi ċ-ċertifikat anness mar-rikors jgħid li l-attur "*underwent surgery in August and September 2020"*.
>
> Konsegwentement, il-Qorti qiegħda tiċħad it-tieni u t-tielet talba tal-attur kif kontenuti fir-rikors."

8. L-atturi ppreżentaw rikors ieħor quddiem l-Ewwel Qorti fit-18 ta' Marzu 2021 permezz ta' liema talbu li jiġu awtorizzati jintavolaw appell mid-digriet imsemmi, u dan wara li l-Qorti taqra d-digriet bil-miftuħ għall-finijiet tal-Artikolu 229(4) u (5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Din it-talba ġiet sussegwentement milqugħa mill-Ewwel Qorti fid-29 ta' Marzu 2022.

9. L-atturi preżentaw ir-rikors tal-appell tagħhom mid-digriet tal-Ewwel Qorti tal-25 ta' Frar 2021, li ġie moqri bil-miftuħ fid-9 ta' Ġunju 2021, fl-1 ta' April 2022, permezz ta' liema talbu lil din il-Qorti sabiex tirrevoka d-digriet appellat u minflok tilqa' t-talbiet kollha magħmula minnhom fir-rikors tagħhom tad-29 ta' Ottubru 2020.

10. Il-konvenut preżenta r-risposta tal-appell tiegħu fl-20 ta' April 2022 permezz ta' liema ssottometta li l-appell odjern għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra l-atturi.

**Ikkonsidrat;**

11. L-atturi appellanti jargumentaw illi fiż-żmien immedjatament preċedenti r-rikors tagħhom tad-29 ta' Ottubru 2020 l-attur ġie sottopost

għal interventi kirurġiċi li saru meħtieġa minħabba komplikazzjonijiet li huma konsegwenza diretta tal-ġrieħi u feriti li huwa sofra minħabba l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri. Jgħidu li huma ma setgħux ikunu jafu minn qabel b'dak li kien ser jiġri lill-attur, u li dan kollu nqala' proprju wara li l-istadju tal-ġbir tal-provi ġie magħluq u ġew preżentati n-noti ta' sottomissjonijiet. Isostnu li dawn il-komplikazzjonijiet u l-konsegwenzi negattivi tagħhom ma ttieħdux in konsiderazzjoni mill-periti mediċi fir-rapport tagħhom peress li la kienu jafu bihom u lanqas ipprevedewhom, u għalhekk ġaladarba għadha ma ngħatatx is-sentenza hemm lok li tiġi sospiża l-prolazzjoni tas-sentenza u jinfetaħ l-istadju tal-ġbir tal-provi limitatament fuq din il-kwistjoni. Skont l-atturi din it-talba tagħhom kellha tiġi milqugħa fid-dawl tal-Artikolu 195(2)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta għaliex iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali f'dan il-każ jammontaw għal raġunijiet serji għall-finijiet tal-istess artikolu. Jargumentaw li fin-nuqqas li tintlaqa' t-talba tagħhom l-attur ser isib ruħu f'posizzjoni fejn mhux sejjer jiġi riżarċit għad-danni kollha li sofra b'konsegwenza tal-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, u dan għal raġunijiet li huwa ma kellu l-ebda kontroll fuqhom. Iżidu li l-parti l-oħra mhijiex sejra ssofri preġudizzju proċedurali jew leżjoni tad-dritt tagħha għal smigħ xieraq għaliex il-konvenut ser ikollu opportunita` li jikkontrolla l-eżamijiet li jsiru fuq l-attur u jekk hemm bżonn anke jressaq provi biex jirribatti dak li jirriżulta mill-eżamijiet li għandhom isiru. Dwar l-argument tal-konvenut li d-digriet appellat huwa wieħed minn dawk li ma jistax isir appell minnhom jgħidu li t-talba tagħhom hija

sabiex tiġi sospiża l-prolazzjoni tas-sentenza u sabiex jinfetaħ mill-ġdid l-istadju tal-provi għall-iskop limitat indikat minnhom, u għalhekk id-digriet dwar din it-talba jinkwadra ruħu fis-sub-artikolu 3 tal-Artikolu 229 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux fis-sub-artikolu 1.

12. Il-konvenut jibda billi jilmenta dwar il-fatt li l-Ewwel Qorti awtorizzat lill-atturi sabiex jintavolaw appell mid-digriet appellat għaliex ikkonsidrat li ma kienx hemm oġġezzjoni min-naħa tiegħu peress li ma kienx daħħal risposta, meta fil-verita` huwa kien preżenta r-risposta tiegħu fit-22 ta' Ġunju 2021 u ta raġunijiet għalfejn it-talba tal-attur ma kellhiex tiġi milqugħa. Jargumenta wkoll li d-digriet appellat jaqa' *entro* l-parametri tal-Artikolu 229(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk ma jista' jsir l-ebda appell minnu qabel is-sentenza finali għaliex it-talba tal-atturi hija ċara u tonda biex jinħatru periti mediċi għal fini li jsir eżami mill-ġdid tal-grad ta' debilita` permanenti sofferta mill-attur. Dwar il-mertu tat-talba jargumenta li dan m'huwa xejn ħlief tentattiv ieħor da parti tal-attur biex jipprova jġib valutazzjoni differenti tal-grad ta' diżabilita` raġġunta minn tliet esperti, u ċertament m'għandux jitħalla dan wara li ġiet eżawrita l-ħatra ta' periti perizjuri għaliex inkella l-proċess ġudizzjarju ma jispiċċa qatt. Jgħid li meta saret din it-talba mill-attur il-kawża kienet tinsab proprju fl-aħħar peress li kienet differita għat-2 ta' Diċembru 2020 biex tingħata s-sentenza, u jgħid li fir-rikors tiegħu l-attur la jispjega x'inhi *osteomyelitis* u lanqas ma wera kif u għalfejn inqalgħet il-ħtieġa għat-talba tiegħu f'dan

l-istadju. Iżid li kkonsidrat li l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri ilu li seħħ mill-2012 wieħed serjament jiddubita kemm din il-kondizzjoni setgħet verament ittardjat daqshekk biex timmanifesta ruħha.

***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

13. Dan huwa appell minn digriet permezz ta' liema l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talba tal-attur sabiex jinħatar perit (jew periti) biex jerġa' jeżaminah u jistabilixxi l-grad ta' debilita` sofferta minnu minħabba l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri. Skont l-attur, huwa żviluppa l-kondizzjoni ta' *osteomyelitis* wara l-għeluq tal-provi u li l-iżvilupp ta' din il-kondizzjoni huwa konness mal-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri u għalhekk hemm lok sabiex jerġgħu jinfetħu l-provi limitatament f'dan ir-rigward.

14. Min-naħa tiegħu l-konvenut isostni li mhuwiex possibli li jsir appell mid-digriet in kwistjoni peress li skont l-Artikolu 229(1) dan huwa wieħed minn dawk id-digrieti li jistgħu jiġu appellati biss flimkien ma' appell mis-sentenza finali jekk ikun il-każ. Skont l-attur pero` dan l-artikolu mhuwiex applikabbli għaliex huwa qed jitlob li tiġi sospiża l-prolazzjoni tas-sentenza u li jerġgħu jinfetħu l-provi, li huma kwistjoni li jaqgħu *entro* t-termini tat-tielet sub-inċiż tal-Artikolu 229, u mhux l-ewwel sub-inċiż kif jgħid il-konvenut.

15. Wara li rat it-talbiet tal-attur magħmula fir-rikors tiegħu tad-29 ta' Ottubru 2020, din il-Qorti ma taqbilx mal-attur li t-talbiet ma jirrigwardawx il-ħatra ta' perit. Għall-aħjar intendiment, il-Qorti ser tirriporta testwalment dak li l-attur talab lill-Ewwel Qorti fir-rikors imsemmi:

> "1. Tordna s-sospensjoni tal-għoti tas-sentenza;
>
> 2. Tordna l-ftuħ mill-ġdid tal-istadju tal-ġbir tal-provi u dan limitatament sabiex jiġi stabbilit il-grad ta' debilita permanenti li biha ġie affetwat l-esponenti bħala konsegwenza tal-inċident mertu tal-kawża;
>
> 3. Taħtar perit mediku, jew tliet periti mediċi, skont kif jidhrilha xieraq din l-istess Qorti, sabiex jeżaminaw lill-esponenti u jevalwaw il-grad ta' debilita permanenti li minnha qiegħed ibati l-esponenti, b'dan li l-persuni maħtura għandhom ikunu esperti li ma kienux involuti fil-każ preċedentement."

16. Minn qari ta' dawn it-talbiet huwa ċar li t-talba prinċipali tal-atturi hija l-ħatra ta' perit jew periti, u dan bil-għan li jistabbilixxu l-grad ta' debilita` permanenti sofferta minnu. Fil-fatt, fit-tieni talba tiegħu huwa jitlob il-ftuħ mill-ġdid tal-istadju tal-provi "limitatament sabiex jiġi stabbilit il-grad ta' debilita permanenti li bih ġie affetwat", xi ħaga li ssir mill-periti mediċi kif l-atturi stess jitolbu li jsir f'din il-kawża fit-tielet talba magħmula fir-rikors in kwistjoni. Għalhekk, għalkemm l-atturi jipprovaw iduru ma' din ir-regola proċedurali billi jgħidu li għamlu talba għas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u għall-ftuħ mill-ġdid tal-provi li ma jaqgħux *entro* t-termini tal-Artikolu 229 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa ċar li din it-talba hija parti integrali mit-talba tal-atturi għall-ħatra ta' perit jew periti ġodda u magħmula biss sabiex ikun possibbli li jinħatru tali periti

issa li l-istadju tal-ġbir tal-provi huwa magħluq. Għaldaqstant din il-Qorti tqis li mhuwiex legalment konsentit għall-atturi li jagħmlu appell mid-digriet in kwistjoni f'dan l-istadju tal-kawża, u dan għall-finijiet tal-Artikolu 229 (1) (g) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

17. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti tqis li t-talba tal-atturi hija legalment insostenibbli.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tqis l-appell irritu u null u kwindi tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-appell tal-atturi, bl-ispejjeż ta' dan l-appell jitħallsu mill-atturi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr